

4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 106 TFEU.

- Minbarra l-allegat ksur tad-dispożizzjonijiet tat-TFEU dwar l-għajnuna mill-Istat, ir-rikorrenti jallegaw li kien hemm ksur tal-Artikolu 106 TFEU, kif intqal fl-ilment tagħhom, iżda dwar dan il-punt ma rċevew ebda risposta mill-konvenuta.

(¹) ĠU 2018 C 60, p. 4.

Rikors ippreżentat fit-30 ta' April 2018 – Bernaldo de Quirós vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-273/18)

(2018/C 240/59)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Belén Bernaldo de Quirós (Brussell, il-Belġju) (rappreżtant: M. Casado García-Hirschfeld, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tiddikjara dan ir-rikors bħala ammissibbli u fondat;

konsegwentement,

- tannulla d-deċiżjoni tas-6 ta' Lulju 2017;
- tiddikjara l-annullament, sa fejn meħtieġ, tad-deċiżjoni tal-31 ta' Jannar 2017 ta' ċaħda tal-ilment;
- tordna l-kumpens għad-danni morali tar-rikorrenti li jirriżultaw minn dawn id-deċiżjonijiet, stmati, pjuttost simbolikament, fis-somma ta' EUR 1;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż kollha.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-ksur tal-mandat mogħti lill-Uffiċċju tal-Investigazzjoni u d-Dixxiplina fir-rigward tal-investigazzjoni amministrattiva kontra r-rikorrenti, kif ukoll il-ksur tal-prinċipji tal-imparzjalità u ta' amministrazzjoni tajba.
2. It-tieni motiv ibbażat, minn naħa, fuq il-ksur tal-prinċipju tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża u ksur tal-Artikolu 3 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal, u, min-naħa l-oħra, fuq ksur tal-prinċipju ta' oppurtunitajiet ugwali għall-partijiet waqt is-smiġħ tar-rikorrenti abbażi tal-Artikolu 22 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità u ta' żball manifest ta' evalwazzjoni.